KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 46

Is-sitta u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 29 ta' Settembru 2015 fis-6.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Kris Busietta | Vici Sindku |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Metodologija għal stħarriġ mar-residenti dwar Residential Parking Scheme*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-minuti tas-seduta 44_24/08/2015.

1.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal punt 2.4 u qal li fil-frazi trid tizdied li l-Kunsill kien qiegħed jirreferi għal Gnien Bonello Dupuis. *Korezzjonijiet*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.9 u talab li tizdied il-frazi 'Il-Kunsill iddeċieda li jekk il-budget għas-sena 2016 ikun jippermetti jizdiedu l-frekwenzi tal-knis skont il-bzonn'.

1.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw irreferiet għal punt 2.2 dwar it-tieni laqgħa għar-residenti u saqsiet jekk kienx hemmx qbil ta' data. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li tintalab stima mill-MISCO biex isir survey mar-residenti minflok.

1.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 2.19 u talab li tizdied il-frazi: 'Hija parti mill-*waste policy* li l-Kunsill għandu responsabbilta li nikkordinaw mas-settur kummerċjali'.

1.6 Is-Sindku propona li jiġu approvati l-minuti tas-seduta 44. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 44*

1.7 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 45_1_09/2015

1.8 Il-Kunsilliera P. Radmilli irrefera għall-punt 1.1 u qal li hu ma jaqbilx mad-deċizjoni li ttieħdet fl-aħħar seduta li t-tlett kuntratti imsemmija jiġġedu għal sena oħra mingħajr ma jsir negozjati fuq il-kuntratt. Saret diskussjoni bejn il-kunsilliera dwar dan l-punt. Kien hemm uħud mill-Kunsiliera li qablu ma dan minnkeja li kienet ittieħdet deċizjoni diga fil-laqgha precedenti. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw xtaqet tiċċara jekk tkun ittieħdet deċizjoni jistgħux jinbidlu deċizjonijiet fis-seduta ta' wara għax ma jkunux għadhom ġew approvati u iffirmati l-minuti. *Korezzjonijiet*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow fis-18.34pm*

1.9 Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni li wieħed irid joqgħod attent għaliex inkella se jġibuh f'pozizzjoni li ma jkunx jista jaġixxi